

# Kontribut Siewi



**Anthony Schembri**
**Segretarju Finanzjarju**

Il-festa reġgħet waslet. Sena tgħaddi qisha ħolma. Din is-sena, inħatar kumitat ġdid u hawn nixtieq ngħid grazzi lill-membri tal-fiduċja li wrew fija matul dawn is-seba' snin li għaddew u għassentejn li ġejjin. Grazzi mill-qalb tal-ġenerożità tagħkom.

Nixtieq ngħid grazzi lill-eks President is-Sur Joseph Bartolo, li tant ta kontribut kbir lis-soċjetà tagħna, tal-pariri li kien jagħti u tax-xogħol siewi li kien u għadu jagħmel wara dan iż-żmien kollu u nixtieqlu aktar saħħa.

Din is-sena x-xogħol baqa' sejjer speċjalment fuq il-planċier. L-ispejjeż dejjem jikbru u dejjem trid tara minn fejn se jidħlu aktar finanzi. Kien hemm rispons qawwi min-naħa tagħkom u allaħares li ma kienx dan u x-xogħol volontarju. Dawn il-volontarji ġieli għamlu ġranet u ġimgħat jaħdmu u jħallu x-xogħol personali tagħhom lura. Xogħol ieħor huwa dak li beda jsir fuq id-dawra tat-tarag biex b'hekk ikompli jissebbaħ il-każin. Dawn kollha jinvolvu spejjeż kbar, flimkien ma' spejjeż oħra li jinqalgħu minn ġurnata għal oħra matul is-sena kollha.

Nixtieq insemmi wkoll li tieħu gost meta tara l-attendenza sabiħa tal-bandisti li jagħtu l-kontribut tagħhom mill-aħjar li jistgħu u b'hekk inaqqsu l-ispejjeż biex inġibu bandisti barranin. Biex ngħid kollox, is-Surmast Direttur flimkien mal-Assistent tiegħu jagħmlu minn kollox biex jgħallmu l-istudenti u jħajru xi bandist ġdid, imma dan mhux dejjem jirnexxi għax xħin kważi jkun tgħallem ma jibqax jiġi għal xi raġuni jew oħra. Dan ifisser spejjeż żejda għaliex l-għalliem jitħallas, iżda l-ikbar sodisfazzjon ikun meta dak il-bandist ġdid tarah idoqq mal-banda. Dan qed jiġri għax forsi jkun tgħallem strument b'xejn? Għalhekk inħeġġiġkom sabiex min forsi ttraskura xi ftit jerġa' jkompli minn fejn ħalla. B'hekk inkunu nistgħu nkomplu nkabbru l-Banda Imperial.

Hawn nixtieq inħeġġeġ lil kull min jista' jagħti xi kontribut b'xi sengħa jew b'xi mod ieħor. Dan jista' javviċina xi membru tal-Kumitat u bħal dawk ta' qabilna żgur li wara jħoss sodisfazzjoni kbir u jħossu kburi li jkun ta minn dak li jaf għall-ġid tal-Każin.

Ma nistax ma ngħidx kelmtejn fuq l-emigranti li tant jagħmlulna kuraġġ bil-kontribut tagħhom. Ħsibijiethom dejjem fuq il-każin. Jiftħu l-internet u jżuru s-sit elettroniku tal-Għaqda tagħna u b'hekk jaraw dak kollu li jkun għaddej ġdid fil-każin. Imbagħad b'tant ħeġġa u mħabba dawn l-emigranti jibdew jiġbru l-flus għal dak il-proġett li jkun qiegħed isir. Ħaġa tassew sabiħa u ta' dan nirringrazzjahom f'isem il-Kumitat kollu.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat għall-għajnuna fejjieda tagħhom. Ringrazzjament ieħor imur lil ħafna benefatturi, volontiera u membri, flimkien ma' dawk kollha li jirreklamaw f'dan il-ktejjeb għax mingħajrhom ma jistax ikollna Soċjetà kif għandna llum.

Grazzi wkoll lill-komunità Melleħija kollha għall-ġenerożità tagħha ta' matul is-sena.

**Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.**

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*